Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/2328

17.4.2026

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

li temenda l-metodoloġija għat-trattament tal-ilħuq parzjali tal-passi fil-Pjan għall-Ukrajna skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni C(2025)1725

(C/2026/2328)

1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għat-trattament tal-ilħuq parzjali tal-passi fil-Pjan għall-Ukrajna skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna (C(2025)1725) ([1]) tistabbilixxi element ewlieni tal-arkitettura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-Faċilità, filwaqt li tiżgura approċċ proporzjonat, trasparenti u prevedibbli għall-valutazzjoni tal-pagamenti parzjali.

2. Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni C(2025)1725, il-Kummissjoni tista' tirrieżamina u temenda l-metodoloġija hekk kif takkumula aktar esperjenza bl-applikazzjoni tagħha. Wara madwar sena ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-pagamenti parzjali skont il-Pjan għall-Ukrajna, inkisbet biżżejjed esperjenza prattika biex tiġġustifika rieżami tal-metodoloġija.

3. Barra minn hekk, il-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-intensifikazzjoni tal-attakki kontra l-infrastrutturi kritiċi ċivili u tal-enerġija Ukreni joħolqu tfixkil serju fil-ħidma leġiżlattiva tal-Verkhovna Rada u jkomplu jkunu ta' piż fuq il-kapaċitajiet amministrattivi tal-Ukrajna.

4. Din il-Komunikazzjoni tissostitwixxi l-Komunikazzjoni C(2025)1725 u tiżgura li tibqa' adatta għall-iskop tagħha sabiex tappoġġa l-objettivi tal-Faċilità għall-Ukrajna filwaqt li tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

5. Il-pagament tal-appoġġ finanzjarju skont il-Pjan għall-Ukrajna huwa bil-kundizzjoni tat-twettiq sodisfaċenti tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi definiti minn qabel fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 ([2]) u tal-emendi sussegwenti tagħha ([3]).

6. Ir-Regolament (UE)2024/792 ([4]) jistipula li jekk ma jintlaħaqx b'mod sodisfaċenti wieħed jew aktar minn dawn il-passi, il-Kummissjoni trid tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament mingħajr dewmien żejjed u tista' tissospendi l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u l-appoġġ fil-forma ta' self li jikkorrispondi għal tali passi, biex b'hekk tiżgura l-konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba (kif stabbilit fl-Artikolu 310(5) TFUE, ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ([5]) u l-Artikolu 6(8) tal-Ftehim Qafas ([6])).

7. L-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) 2024/792 jirrikjedi li l-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija għat-trattament tal-ilħuq parzjali tal-passi bħala gwida.

8. Il-metodoloġija tiffavorixxi l-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjan, li jirrifletti n-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tagħha u l-kombinazzjoni ta' riformi u investimenti. Dan joħloq il-kundizzjonijiet għall-iżborż rapidu tal-finanzjament u jiżgura li kwalunkwe sospensjoni tkun kemm proporzjonali kif ukoll prevedibbli, filwaqt li tipproteġi wkoll l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

([1]) ĠU C, C/2025/2114, 3.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2114/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj).

([3]) Pereżempju, ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157 tas-17 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2025/2157, 17.10.2025,. ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2157/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

([6]) Il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar arranġamenti speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni taħt il-Faċilità għall-Ukrajna tat-22 ta' Mejju 2024.

9. L-Ukrajna għandha tkompli tiżgura l-impenn sħiħ tagħha biex twettaq, fil-ħin, il-passi kwalitattivi u kwantitattivi tal-Pjan. Sospensjoni parzjali tal-pagamenti tagħti lill-Ukrajna żmien addizzjonali biex tindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni, filwaqt li, sadanittant, tibbenefika minn pagament parzjali marbut mal-passi li jkunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti.

10. Jekk il-pass(i) rispettiv(i) jintlaħaq/jintlaħqu fi żmien 12-il xahar mill-valutazzjoni negattiva inizjali, il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni ġdida, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792. L-ewwel nett, tippreżenta lill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament. Abbażi tad-deċiżjoni adottata mill-Kunsill, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-ammont.

11. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-Ukrajna ma tkunx ħadet il-miżuri meħtieġa fi żmien 12-il xahar mill-valutazzjoni negattiva inizjali, hija se tniedi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26(6) tar-Regolament (UE) 2024/792. L-ewwel nett, tinnotifika b'mod uffiċjali lill-Ukrajna li għadda l-perjodu ta' 12-il xahar u li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, ma ttieħdux il-miżuri meħtieġa. L-Ukrajna mbagħad ikollha xahrejn mill-komunikazzjoni tan-notifika tal-Kummissjoni biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

12. Jekk, wara dawk l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Ukrajna ma tkunx ħadet il-miżuri meħtieġa, hija se tippreżenta proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tnaqqas l-ammont tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tas-self b'mod proporzjonali għall-parti li tikkorrispondi għall-passi kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti. F'konformità mal-Artikolu 26(6) tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kunsill se jaġixxi, bħala regola, fi żmien xahar minn meta jirċievi l-proposta tal-Kummissjoni. Huwa jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni u jadotta l-proposta emendata permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

13. Jekk pass li qabel tqies bħala milħuq b'mod sodisfaċenti jitreġġa' lura u ma jibqax f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2157 u bl-emendi sussegwenti tagħha, il-Kummissjoni se tapplika l-istess metodoloġija u tissospendi l-ammont korrispondenti mill-pagament fil-pagament parzjali li jmiss, wara li jkun ġie kkonfermat it-treġġigħ lura. Mill-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2024/792 jirriżulta li jistgħu jitqiesu sodisfaċenti l-ilħuq tal-prekundizzjoni u l-passi kwalitattivi u kwantitattivi, dment li ma jitreġġgħux lura l-miżuri relatati mal-passi li għalihom l-Ukrajna tkun diġà kisbet twettiq sodisfaċenti. Jekk matul il-valutazzjoni ta' pagament parzjali sussegwenti l-Kummissjoni tikkonkludi li jrid jitreġġa' lura pass li qabel kien ivvalutat bħala li ntlaħaq b'mod sodisfaċenti, tipproponi lill-Kunsill jissospendi ammont korrispondenti mill-iżborżi li jmiss skont il-Pjan u mbagħad isegwi l-passi msemmija fil-paragrafi ta' hawn fuq.

14. Il-metodoloġija tqis li mhux il-passi kollha jikkontribwixxu bl-istess mod għall-kisba tal-objettivi tal-Pjan. Pereżempju, l-adozzjoni ta' strateġija jew ta' pjan ta' azzjoni ma tistax tingħata l-istess valur bħad-dħul fis-seħħ ta' liġi, f'termini tal-kontribut dirett tagħhom għall-kisba tal-objettivi tal-Faċilità. Bħala tali, il-metodoloġija tiddistingwi bejn żewġ tipi ta' passi fil-Pjan, kif ġej:

(i) **Passi primarji** — passi li jikkonċernaw id-dħul fis-seħħ tal-liġijiet Ukreni li jirrikjedu l-approvazzjoni tal-Parlament Ukren u r-ratifika mill-Uffiċċju tal-President. Dawn il-passi għandhom **koeffiċjent ta' 2**.

(ii) **Passi ordinarji** — il-passi kollha ta' riforma minbarra l-passi primarji ta' riforma (eż. l-adozzjoni mill-gvern ta' liġijiet sekondarji, riżoluzzjonijiet, strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni, pjanijiet direzzjonali, eċċ.; it-twassil ta' sistemi tal-IT online; ir-rappurtar dwar indikatur ta' investiment, eċċ.). Dawn il-passi għandhom **koeffiċjent ta' 1**.

15. Il-metodoloġija tikkonsisti mill-ħames fażijiet li ġejjin:

(i) **Il-kalkolu tal-valur tal-pass għal kull pagament parzjali.**

Il-valur tal-pass huwa l-ammont totali tal-pagament parzjali (is-somma ta' (i) l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u (ii) l-appoġġ fil-forma ta' self) diviż bis-somma tan-numru ta' passi ordinarji mmultiplikat b'1 u n-numru ta' passi primarji mmultiplikat bi 2.

$$s = \frac{m}{o + 2*p}$$

Fejn “s” huwa l-valur tal-pass, “m” huwa l-valur tal-pagament parzjali, u “o” u “p” jikkorrispondu għan-numru ta’ passi ordinarji u primarji rispettivament fil-pagament parzjali.

(ii) **Il-kalkolu tal-valur tas-sospensjoni tal-pass(i) li ma ntlaħaqx/ntlaħqux b’mod sodisfaċenti.**

Biex tqis kif xieraq id-differenzi bejn il-passi, il-Kummissjoni se tapplika koeffiċjenti għall-passi ta’ riforma primarji u ordinarji:

(a) **Passi primarji** = valur tal-pass (ikkalkolat skont il-punt i.) immultiplikat b’koeffiċjent ta’ **2**.

(b) **Passi ordinarji** = valur tal-pass (ikkalkolat skont il-punt i.) immultiplikat b’koeffiċjent ta’ **1**.

(iii) **L-aġġustament tal-valur tas-sospensjoni sabiex iqis il-fatturi mitiganti.**

Fejn xieraq, il-valur tas-sospensjoni jista’ jiġi aġġustat biex iqis il-fatturi mitiganti. Tali fatturi mitiganti jinkludu l-ilħuq bikri tal-passi marbuta ma’ pagamenti parzjali trimestrali sussegwenti kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1447, kif emendata bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2025/2157 u bl-emendi sussegwenti tagħha. F’tali każ, dment li l-ilħuq bikri tal-pass ikun ġie debitament notifikat kif xieraq lill-Kummissjoni, debitament ġustifikat fit-talba għall-pagament ippreżentata mill-Ukrajna u meqjus li ntlaħaq b’mod sodisfaċenti, il-valur tas-sospensjoni jista’ jiġi aġġustat ’l isfel b’ammont li jikkorrispondi għall-valur medju tal-pass taħt il-pagament parzjali attwali, immultiplikat b’koeffiċjent ta’ 2 jekk il-pass milħuq minn qabel ikun pass primarju. Il-valur tas-sospensjoni assenjat lil kull pass mhux milħuq b’mod sodisfaċenti fil-pagament parzjali kkonċernat se jitnaqqas b’mod proporzjonali, filwaqt li jitqiesu l-koeffiċjenti tal-passi ta’ riforma primarji u ordinarji.

Fattur mitiganti ieħor huwa l-ilħuq parzjali ta’ pass. Jekk l-Ukrajna tkun tista’ turi li pass intlaħaq parzjalment, l-ammont tas-sospensjoni jista’ jiġi aġġustat ’l isfel sabiex l-ammont tas-sospensjoni jibqa’ proporzjonat mannuqqas ta’ lħuq tal-pass. Tali fattur mitiganti jista’ jitqies biss għal passi kwantitattivi fejn l-ilħuq parzjali jista’ jiġi ddeterminat b’mod oġġettiv.

Jekk iż-żewġ fatturi mitiganti jiġu applikati f’pagament parzjali wieħed, il-Kummissjoni tapplika l-ewwel il-metodoloġija għall-ilħuq bikri tal-passi.

Għandhom jinżammu inċentivi biżżejjed għall-implimentazzjoni tal-passi li ma ntlaħqux b’mod sodisfaċenti.

L-applikazzjoni tal-fatturi mitiganti u d-determinazzjoni finali tal-valur ta’ sospensjoni aġġustat se jiġu stabbiliti mill-Kunsill, f’konformità mal-Artikoli 19, 20 u 26 tar-Regolament (UE) 2024/792.

(iv) **L-assenjazzjoni tas-sors ta’ finanzjament għal kull pass individwali fil-pagament parzjali trimestrali.**

L-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1447, kif emendata bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2025/2157 u l-emendi sussegwenti tagħha, ma jassenjax sors ta’ finanzjament għall-passi individwali. Tali assenjazzjoni hija speċifikata fid-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni rilevanti tal-Kunsill għal kull valutazzjoni trimestrali. Din il-prattika diġà ġiet applikata għad-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill marbuta mal-ewwel sitt pagament parzjali trimestrali tal-Pjan. F’kull pagament parzjali trimestrali, il-Kummissjoni tipproponi li talloka ċerti passi għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u għall-bqija tal-passi għall-appoġġ fil-forma ta’ self. L-allokazzjoni proposta għad trid tiġi ddeterminata fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni f’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-Kummissjoni se taġixxi filwaqt li tqis l-aħjar interessi lejn il-kisba tal-objettivi tal-Faċilità għall-Ukrajna. Meta tipproponi l-allokazzjoni, bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni l-ewwel tassenja passi li jitqiesu li ma ntlaħqux b’mod sodisfaċenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli. Fl-istess ħin, hija se tiżgura l-użu l-aktar xieraq tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali fil-forma ta’ appoġġ mhux ripagabbli magħmul disponibbli skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/792.

(v) **Il-kalkolu tal-ammont rivedut li għandu jiġi żborżat.**

L-ammont sospiż aġġustat se jitnaqqas mill-appoġġ finanzjarju disponibbli, abbażi tal-assenjazzjoni tas-sors ta’ finanzjament, kif propost skont il-punt (iv) hawn fuq. Meta l-valur tas-sospensjoni jkun ogħla mill-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli disponibbli fil-pagament parzjali trimestrali inkwistjoni, id-differenza tiġi sospiża mill-appoġġ fil-forma ta’ self. L-ammont sospiż ma jistax ikun ogħla mill-ammont totali ta’ finanzjament allokat għall-pagament parzjali rispettiv, jiġifieri s-somma tal-appoġġ mhux ripagabbli u ta’ dak fil-forma ta’ self. Meta jkun hemm impatt fuq l-appoġġ b’self, il-kalkolu tal-ammont rivedut li għandu jiġi żborżat se jqis l-ikklerjar tal-prefinanzjament.

16. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina u temenda din il-metodoloġija hi u takkumula aktar esperjenza fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha. Din il-metodoloġija tissostitwixxi l-metodoloġija fil-Komunikazzjoni C(2025) 1725.